KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

**Brussel, 23 ta' Marzu 2005**

**7619/1/05**
**REV 1**

**CONCL 1**

**NOTA TA' TIFSIRA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL**<br>**22 u 23 TA' MARZU 2005**<br><br>**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA** |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (22 u 23 ta' Marzu 2005).

---

1. Il-laqgħa kienet preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita minn skambju ta' fehmiet. F'din l-okkażjoni, il-President tal-Kummissjoni ppreżenta l-għanijiet strateġiċi ta' l-istituzzjoni tiegħu għall-perijodu 2005-2009. Il-Kapijiet ta' l-Istat jew Gvern ħadu nota u laqgħu l-qbil mill-qrib bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet ta' l-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-attività leġislattiva għas-snin li ġejjin.

2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-kwistjonijiet li ġejjin:

I. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir
II. Ir-reviżjoni ta' nofs it-term ta' l-Istrateġija ta' Lisbona
III. L-iżvilupp sostenibbli
IV. Il-bidla fil-klima
V. ITER
VI. Tħejjija għas-*Summit* tan-NU ta' Settembru 2005
VII. Il-Libanu

o

o o

## I. IL-PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR

3. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Kunsill ECOFIN ta' l-20 ta' Marzu 2005 (ara l-Anness II) bit-titolu "It-Titjib ta' l-Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" u japprova l-konklużjonijiet u l-proposti li fih. Dan ir-rapport jikkonkludi u jikkompleta l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jinkludi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u Nru 1467/97. Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta malajr proposti li huma maħsuba biex jimmodifikaw ir-Regolamenti tal-Kunsill.

## II. IR-RILANĊ TA' L-ISTRATEĠIJA TA' LISBONA: SĦUBIJA GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

### A. STRATEĠIJA GĦAD-DINJA TAL-LUM

4. Ħames snin wara t-tnedija ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, ir-riżultati huma mħallta. Maġenb progress li ma jistax jiġi miċħud, hemm nuqqasijiet u dewmien ovvju. Minħabba l-isfidi li jeżistu, hemm prezz għoli li jrid jiġi mħallas għal riformi mdewma jew mhux kompluti, kif inhu kkonfermat mill-qasna kbira bejn il-potenzjal ta' tkabbir ta' l-Ewropa u dak tas-sħab ekonomiċi tagħha. Għalhekk hemm ħtieġa ta' azzjoni urġenti.

5. Għal dak il-għan, huwa essenzjali li jkun hemm rilanċ mingħajr dewmien ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u li l-prijoritajiet jiġu ffukati mill-ġdid fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Jeħtieġ li l-Ewropa ġġedded il-bażi tal-kompetittività tagħha, iżżid il-potenzjal tagħha ta' tkabbir u l-produttività tagħha u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, filwaqt li tqiegħed l-enfasi prinċipali fuq l-għarfien, l-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-kapital uman.

6. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-Unjoni jeħtieġ li timmobilizza r-riżorsi nazzjonali u Komunitarji kollha xierqa– inkluża l-politika ta' koeżjoni – fit-tliet linji ta' l-Istrateġija (ekonomika, soċjali u ambjentali) sabiex b'hekk tuża aħjar is-sinerġiji tagħhom f'kuntest ġenerali ta' żvilupp sostenibbli. Maġenb il-gvernijiet, l-atturi l-oħra kollha kkonċernati – il-parlamenti, il-korpi reġjonali u lokali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili – għandhom ikollhom sehem fl-Istrateġija u jieħdu sehem attiv fil-kisba ta' l-għanijiet tagħha.

7. Fl-istess ħin, il-perspettiva finanzjarja għall-2007-2013 ser ikollha tipprovdi l-Unjoni b'fondi adegwati biex twettaq il-politika ta' l-Unjoni in ġenerali, inkluż il-linji politiċi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-prijoritajiet ta' Lisbona. Kondizzjonijiet makroekonomiċi sodi huma essenzjali għas-sostenn ta' l-isforzi favur it-tkabbir u l-impjiegi. Il-modifiki għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser jikkontribwixxu għal dan, filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod sħiħ fir-rigward tar-rilanċ tat-tkabbir għall-perijodu fit-tul.

8. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Naħdmu Flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi – Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Lisbona* sottomessa għar-reviżjoni ta' nofs it-term. Huwa jilqa' l-kontributi importanti f'dan il-kuntest mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u s-sħab soċjali. Fid-dawl ta' dawn il-proposti, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri biex jirrilanċjaw l-Istrateġija mingħajr dewmien abbażi ta' l-elementi li ġejjin iċċentrati fuq it-tkabbir u l-impjiegi.

9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn espress mis-sħab soċjali fis-*Summit* Tripartitiku fit-22 ta' Marzu. Huwa jagħmel sejħa lis-sħab soċjali biex jissottomettu programm ta' ħidma komuni għat-tkabbir u l-impjiegi fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

   B'żieda ma' dan, huwa jinkoraġġixxi lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jistabbilixxi, flimkien mal-Kumitati Ekonomiċi u Soċjali ta' l-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet sħab oħra, *network* interattiv ta' inizjattivi mis-soċjetà ċivili maħsub għall-promozzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija.

## B. LINJI VITALI TAR-RILANĊ

### L-għarfien u l-innovazzjoni – muturi ta' tkabbir sostenibbli

10. Iż-żona Ewropea ta' l-għarfien għandha tagħmilha possibbli għall-intrapriżi li jibnu fatturi kompetittivi ġodda, għall-konsumaturi li jibbenefikaw minn prodotti u servizzi ġodda u għall-ħaddiema li jiksbu kompetenzi ġodda. B'dan f'moħħna, huwa importanti li jiġu żviluppati r-riċerka, l-edukazzjoni u l-forom kollha ta' innovazzjoni sa fejn dawn jagħmluha possibbli li l-għarfien jiġi tradott f'valur miżjud u joħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Barra minn hekk, fis-snin li ġejjin, djalogu ġenwin għandu jiġi mħeġġeġ fost dawk direttament involuti fis-soċjetà bbażata fuq l-għarfien fis-setturi pubbliċi u privati.

11. Fil-qasam ta' l-R&D, l-għan globali ta' investiment ta' 3% qed jibqa' jinżamm, b'qasma adegwata bejn l-investiment privat u dak pubbliku. Livelli intermedji speċifiċi jeħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali. Dan il-għan ser jinkiseb *inter alia* permezz ta' inċentivi fiskali għall-investiment privat, permezz ta' effett ta' lieva aħjar ta' l-investiment pubbliku u permezz ta' l-immodernizzar tal-ġestjoni ta' istituti ta' riċerka u ta' universitajiet.

12. Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp ser jagħti impetu ġdid lil żona Ewropea tar-riċerka għall-benefiċċju ta' l-Istati Membri kollha billi jtejjeb il-kooperazzjoni Ewropea, jistimula l-investiment privat f'oqsma kruċjali għall-kompetittività u jgħin biex jimtela l-vojt teknoloġiku. Il-programm għandu jaġixxi bħala lieva fuq il-*budgets* tar-riċerka nazzjonali. L-attrazzjoni li l-Ewropa għandha għar-riċerkaturi għandha tiġi msaħħa b'titjib effettiv tal-kundizzjonijiet tal-mobbiltà tagħhom u tal-prattika tal-professjoni tagħhom. L-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tar-Riċerka maħsub għas-sostenn tar-riċerka ta' avangwardja u r-riċerka bażika ikun importanti f'dan il-kwadru. Il-ħidma dwar il-programm spazjali Ewropew ser tippermetti l-esplojtazzjoni tal-kapaċità għall-innovazzjoni u l-potenzjal konsiderevoli f'dan is-settur.

13. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw il-politika tagħhom ta' innovazzjoni fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u *inter alia* bl-għanijiet li ġejjin: l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sostenn għal SMEs innovattivi, inklużi *start ups* b'teknoloġija għolja, il-promozzjoni ta' riċerka konġunta bejn intrapriżi u universitajiet, it-titjib ta' l-aċċess għal kapital ta' riskju, l-iffukar mill-ġdid ta' l-akkwist pubbliku fuq prodotti u servizzi innovattivi, l-iżvilupp ta' sħubiji għall-innovazzjoni u ċentri ta' innovazzjoni fil-livelli reġjonali u lokali.

14. Il-Programm Komunitarju ġdid għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, min-naħa tiegħu, għandu jagħti spinta kbira lill-innovazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha billi jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid għall-iffinanzjar ta' SMEs innovattivi b'potenzjal għoli ta' tkabbir, billi jirrazzjonalizza u jsaħħaħ in-*network* ta' sostenn tekniku għall-innovazzjoni fl-intrapriżi, u billi jsostni l-iżvilupp ta' ċentri reġjonali u *networks* Ewropej għall-innovazzjoni.

15. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissottometti proposta dwar l-istabbiliment ta' Istitut Teknoloġiku Ewropew.

16. L-Ewropa teħtieġ fibra industrijali solida fit-territorju kollu tagħha. L-insegwiment meħtieġ ta' politika industrijali attiva tfisser it-tisħiħ tal-vantaġġi kompetittivi tal-bażi industrijali filwaqt li tkun żgurata l-kumplimentarità ta' l-azzjoni fil-livelli nazzjonali, trans-nazzjonali u Ewropew. Dan il-għan ser jiġi segwit *inter alia* permezz ta' inizjattivi teknoloġiċi bbażati fuq sħubiji pubbliċi-privati u l-organizzazzjoni ta' pjattaformi teknoloġiċi mmirati lejn l-istabbiliment ta' aġendi ta' riċerka f'perijodu fit-tul. Il-Kummissjoni ser tirraporta lura dwar ix-xogħol ta' tħejjija tagħha dwar is-suġġett sa Ġunju.

17. Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment ser ikollu jestendi l-Faċilità ta' Finanzjament Strutturat għal proċetti ta' R&D u, flimkien mal-Kummissjoni, jesplora mezzi ġodda għall-użu tal-fondi Komunitarji bħala lievi għal self ta' l-EIB.

18. Huwa essenzjali li tiġi żviluppata soċjetà ta' l-informazzjoni kompletament inklużiva, ibbażata fuq l-użu mifrux tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) fis-servizzi pubbliċi, l-SMEs u l-familji. Għal dak il-fini, l-inizjattiva i2010 ser tiffoka fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam ta' l-ICT, l-iżvilupp ta' l-industriji ta' kontenut, is-sigurtà tan-*networks* u ta' l-informazzjoni, kif ukoll il-konverġenza u l-interoperabbiltà sabiex tiġi stabbilita żona ta' informazzjoni mingħajr fruntieri.

19. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kontribut importanti tal-politika ambjentali għat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll għall-kwalità tal-ħajja, b'mod partikolari permezz ta' l-iżvilupp ta' l-eko-innovazzjoni u l-eko-teknoloġija kif ukoll l-amministrazzjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, li jwasslu għall-ħolqien ta' possibbiltajiet ġodda u impjiegi ġodda. Huwa jenfasizza l-importanza ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija bħala fattur fil-kompetittività u fl-iżvilupp sostenibbli u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa inizjattiva Ewropea dwar l-effiċenzja fl-użu ta' l-enerġija u *Green Paper* fl-2005. L-eko-innovazzjoni u t-teknoloġija ambjentali għandhom ikunu mħeġġa b'saħħa, b'mod partikolari fl-enerġija u t-trasport, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs u għall-promozzjoni ta' l-eko-teknoloġija fl-akkwist pubbliku. Flimkien mat-tkabbir tiegħu fis-suq intern, dan is-settur għandu potenzjal konsiderevoli ta' esportazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni għall-eko-teknoloġija bħala materja ta' urġenza u wkoll permezz ta' azzjonijiet speċifiċi bi skeda ta' żmien miftiehma ma' l-operaturi ekonomiċi. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza ta' l-għan li jiġi mwaqqaf it-telfien tad-diversità bijoloġika mil-lum sa l-2010, b'mod partikolari billi din il-ħtieġa tiġi inkorporata f'linji politiċi oħra, minħabba l-importanza tal-bijodiversità għal ċerti setturi ekonomiċi.

**Żona attraenti għall-investiment u x-xogħol**

20. Sabiex jiġi mħeġġeġ l-investiment u jiġi provdut ambjent attraenti għall-intrapriżi u l-ħaddiema, l-Unjoni Ewropea teħtieġ tikkompleta s-suq intern tagħha u tirrendi l-ambjent regulatorju tagħha aktar favorevoli għall-intrapriżi li, min-naħa tagħhom, jeħtieġu jiżviluppaw is-sens ta' responsabbiltà soċjali tagħhom. Teżisti ħtieġa wkoll għal infrastruttura effiċjenti indirizzata, *inter alia*, lejn il-problema ta' konnessjonijiet neqsin, servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità u bi prezzijiet raġonevoli, kif ukoll ambjent b'saħħtu bbażat fuq konsum u produzzjoni sostenibbli u kwalità tal-ħajja għolja.

21. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu kull sforz biex jonoraw l-impenji meħuda f'Barċellona f'Marzu 2002 fir-rigward – fost affarijiet oħra – tat-trasposizzjoni tad-Direttivi.

22. Għall-ikkompletar tas-suq intern, il-Kunsill identifika l-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

Sabiex jiġu promossi t-tkabbir u l-impjiegi u biex tiġi rinfurzata l-kompetittività, is-suq intern tas-servizzi jeħtieġ li jkun operattiv b'mod sħiħ filwaqt li jiġi preservat il-mudell soċjali Ewropew. Fid-dawl tad-dibattitu kurrenti, li juri li l-abbozz attwali tad-direttiva ma jissodisfax b'mod sħiħ dawn il-ħtiġiet, il-Kunsill Ewropew jitlob li l-isforzi kollha jsiru fi ħdan il-qafas tal-proċess leġislattiv biex jintlaħaq kunsens wiesa' li jissodisfa dawn l-għanijiet kollha. Il-Kunsill Ewropew jinnota li servizzi effettivi ta' interess ekonomiku ġenerali għandhom rwol importanti f'ekonomija kompetittivà u dinamika.

Kwalunkwe ftehim dwar REACH jeħtieġ li jirrikonċilja t-tħassib dwar l-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa mal-ħtieġa li tiġi promossa l-kompetittività ta' l-industrija Ewropea, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-SMEs u l-kapaċità innovattiva tagħhom.

23. Flimkien ma' politika tal-kompetizzjoni attiva, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu lejn tnaqqis fil-livell ġenerali ta' l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li jieħdu kont ta' *allowance* għal xi fallimenti tas-suq. Dan il-moviment jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn tqassim mill-ġdid ta' għajnuna favur is-sostenn għal ċerti għanijiet orizzontali bħar-riċerka u l-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-kapital uman. Ir-riforma ta' l-għajnuna reġjonali għandha wkoll trawwem livell għoli ta' investiment u tiżgura tnaqqis fid-disparitajiet skond l-għanijiet ta' Lisbona.

24. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li huwa jorbot mat-titjib ta' l-ambjent regulatorju u jħeġġeġ biex il-ħidma tkompli miexja – kif previst, fost affarijiet oħra, mill-inizjattiva tas-sitt Presidenzi u l-Programm Operattiv tal-Kunsill għall-2005 – bi tħejjija għal valutazzjoni globali f'waħda mil-laqgħat li ġejjin tiegħu. Huwa jinnota l-komunikazzjoni sottomessa mill-Kummisjoni u jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni soda skond dawn il-linji kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw metodoloġija komuni biex jiġu mkejla l-piżijiet amministrattivi bil-għan li jintlaħaq ftehim sa l-aħħar ta' l-2005. Dan il-ftehim għandu jieħu vantaġġ mir-riżultati tal-proġetti pilota tal-Kummissjoni li huma mistennija matul l-2005. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa s-sistema tagħha ta' l-analiżi ta' l-impatt b'mod konformi mal-komunikazzjoni tagħha, biex taħdem flimkien mal-Kunsill biex jiġi żgurat progress aktar mgħaġġel fil-kuntest tas-simplifikazzjoni u, fl-aħħar, biex tieħu inizjattivi biex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni ta' l-atturi kollha direttament ikkonċernati minn dan il-proċess. Huwa jenfasizza li l-inizjattivi meħuda fil-kuntest tat-titjib ta' l-ambjent regulatorju m'għandhomx huma stess jinbidlu f'piżijiet amministrattivi.

25. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom rwol ċentrali fit-tkabbir u l-impjiegi u jipparteċipaw fl-iżvilupp tat-tessut industrijali. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikomplu bil-politika tagħhom f'dan il-qasam biex inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi, jistabbilixxu punti ta' kuntatt li jipprovdu s-servizzi kollha u jipprovdu aċċess għal kreditu, mikro-self, forom oħra ta' finanzjament u servizzi ta' akkumpanjament. Aċċess mill-SMEs għal programmi Komunitarji huwa wkoll ta' importanza kbira. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna wkoll biex jagħmlu l-aħjar użu min-*networks* ta' sostenn għall-SMEs; għal dan il-fini, għandhom jidentifikaw malajr, flimkien ma' sħab soċjali nazzjonali u reġjonali u, sa fejn ikun possibbli, ma' kmamar tal-kummerċ, il-miżuri ta' razzjonalizzazzjoni u kooperazzjoni meħtieġa.

26. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Fond Ewropew ta' l-Investiment biex jiddiversifika l-attivitajiet tiegħu, b'mod partikolari lejn il-finanzjament ta' SMEs innovattivi permezz ta' investituturi individwali (*business-angel*) u *networks* ta' trasferiment tat-teknoloġija. Flimkien mal-Kummissjoni, għandu jinstab finanzjament flessibli adattat għal tali attivitajiet. Din l-azzjoni għandha wkoll tkun sostnuta mill-programm Komunitarju l-ġdid għall-kompetittività u l-innovazzjoni.

27. Is-suq wieħed jeħtieġ barra minn hekk ikun ibbażat fuq suq intern fiżiku ħieles minn xkiel ta' interoperabbiltà u loġistiku. L-introduzzjoni ta' *networks* ta' veloċità għolja f'reġjuni moqdija ħażin huwa prerekwiżit għall-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien. B'mod ġenerali, l-investiment fl-infrastruttura ser jiffavorixxi t-tkabbir u jġib konverġenza ekonomika, soċjali u ambjentali akbar. Taħt l-inizjattiva ta' tkabbir u programmi ta' bidu rapidu, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tat-twettiq tal-proġetti ta' prijorità fil-qasam tar-rettikolati tat-trasport u l-enerġija u jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom ta' investiment u biex iħeġġu sħubiji pubbliċi-privati.

28. L-ekonomija globali miftuħa toffri opportunitajiet ġodda għall-istimulazzjoni tat-tkabbir, il-kompetittività u r-riorganizzazzjoni fl-ekonomija ta' l-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-importanza li jintlaħaq ftehim ambizzjuż u bilanċjat fin-negozjati ta' Doha u l-valur li jiġu żviluppati ftehim ta' kummerċ ħieles bilaterali u reġjonali; l-insegwiment ta' dak l-għan jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn sforz sostnut biex tkun żgurata l-konverġenza internazzjonali ta' l-istandards, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali.

**It-tkabbir u l-impjiegi għas-servizz tal-koeżjoni soċjali**

29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġenda soċjali, li ser tgħin biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona billi tirrinforza l-mudell soċjali Ewropew ibbażat fuq it-tfittxija ta' okkupazzjoni sħiħa u koeżjoni soċjali akbar.

30. Iż-żieda fir-rati ta' l-impjiegi u l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, flimkien mar-riforma tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, jipprovdu l-aħjar mod ta' kif jinżamm il-livell preżenti ta' protezzjoni soċjali.

Il-Kummissjoni ser tirrifletti, fil-kuntest tal-ħidma tagħha kontinwa, dwar ir-rilanċ ta' Lisbona fir-rigward ta' kwistjonijiet li jirriżultaw dwar kif jiġi żgurat il-finanzjament sostenibbli tal-mudell soċjali tagħna u tirraporta lill-Kunsill Ewropew fil-ħarifa.

31. L-għanijiet ta' okkupazzjoni sħiħa, il-kwalità ta' l-impjiegi, il-produttività tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali jeħtieġu li jkunu riflessi fi prijoritajiet ċari u li jistgħu jitkejlu: li x-xogħol isir għażla vera għall-kulħadd, li aktar persuni jkunu attirati lejn is-suq tax-xogħol, li l-adattibbiltà tiġi mtejba, li jkun hemm investiment fil-kapital uman, li l-protezzjoni soċjali tkun immodernizzata, li l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari bejn l-irġiel u n-nisa, ikunu promossi u li titrawwem l-inklużjoni soċjali.

32. Huwa essenzjali li jiġu attirati aktar persuni lejn is-suq tax-xogħol. Dan il-għan ser jintlaħaq billi tiġi segwita politika attiva ta' l-impjiegi, b'xogħol li jibda jrendi u b'miżuri li jikkonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, inkluż it-titjib tal-faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal; għandha tingħata prijorità wkoll lil opportunitajiet indaqs, lil strateġiji għal xjuħija attiva, lit-tħeġġiġ ta' l-integrazzjoni soċjali kif ukoll lill-konverżjoni tax-xogħol mhux dikjarat f'impjiegi legali. Sorsi ġodda ta' xogħol għandhom jiġu żviluppati wkoll fis-servizzi lill-individwi u lin-negozji, fl-ekonomija soċjali, fil-maniġġar tal-kampanja u l-protezzjoni ta' l-ambjent u f'okkupazzjonijiet industrijali ġodda, parzjalment permezz tal-promozzjoni ta' sħubiji lokali għat-tkabbir u l-impjiegi.

33. Għall-ħaddiema u l-intrapriżi, forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol u diversità akbar ta' arranġamenti kuntrattwali, li jgħaqqdu flimkien aħjar il-flessibbiltà mas-sigurtà, jikkontrobwixxu għall-adattabbiltà. Għandha ssir enfasi wkoll fuq antiċipazzjoni u maniġġar aħjar ta' tibdil ekonomiku.

34. Il-kapital uman huwa r-riżors l-iżjed importanti ta' l-Ewropa. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jgħollu l-istandard ġenerali ta l-edukazzjoni u jnaqqsu n-numru ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni, bmod partikolari bit-tkomplija tal-programm ta ħidma Edukazzjoni u Taħriġ 2010. It-tagħlim tul il-ħajja huwa *sine qua non* biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Lisbona, b'kont meħud tal-ħtieġa ta' kwalità għolja fil-livelli kollha. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu t-tagħlim tul il-ħajja opportunità miftuħa għal kulħadd fl-iskejjel, fl-intrapriżi u fid-djar. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-disponibbiltà ta' faċilitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja għal ħaddiema b'kompetenzi ta' livell baxx u għall-persunal ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew isejjaħ għall-adozzjoni bla dewmien tal-programm li l-Kummissjoni ser tissottometti dalwaqt b'konnessjoni ma' dan. Id-disponibbiltà għandha tkun iffaċilitata wkoll permezz ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, servizzi għas-sostenn tal-familja, gwida vokazzjonali u forom ġodda ta' qsim ta' spejjeż.

35. Iż-żona Ewropea ta' l-edukazzjoni għandha tiġi żviluppata permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika u professjonali. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tad-disseminazzjoni ta' l-Europass u ta' l-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-2005 u qafas Ewropew ta' kwalifiki fl-2006.

36. Il-politika ta' l-inklużjoni soċjali għandha tiġi segwita mill-Unjoni u mill-Istati Membri, bl-approċċ multidimensjonali tagħha, b'konċentrazzjoni fuq gruppi ta' mira bħat-tfal li jinsabu fil-faqar.

37. Ritorn lejn tkabbir sostnut u sostenibbli jeħtieġ dinamiżmu demografiku akbar, integrazzjoni soċjali u vokazzjonali mtejba u użu akbar tal-potenzjal uman rappreżentat miż-żgħażagħ Ewropej. Għal dan il-fini, il-Kunsill Ewropew adotta l-patt Ewropew għaż-żgħażagħ stabbilit fl-Anness I bħala wieħed mill-istrumenti li jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' Lisbona.

## Ċ. IT-TITJIB TAL-GOVERNANZA

38. Huwa importanti li l-azzjoni ta' l-UE u ta' l-Istati Membri għandha tagħti kontribut akbar u iżjed prattiku lit-tkabbir u lill-impjiegi. Għaldaqstant, ser jiġi introdott arranġament simplifikat. L-għan tiegħu huwa tripplu: biex jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet filwaqt li jżomm il-bilanċ ġenerali ta' l-istrateġija u s-sinerġija bejn il-komponenti varji tagħha; biex itejjeb l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet billi jżid l-involviment ta' l-Istati Membri; u biex jirrazzjonalizza l-proċedura ta' monitoraġġ sabiex ikun hemm stampa iżjed ċara ta' l-implimentazzjoni nazzjonali ta' l-istrateġija.

39. Dan l-approċċ ġdid, ibbażat fuq ċiklu ta' tliet snin li jibda din is-sena u jkollu jiġi mġedded fl-2008, ser ikun fih l-istadji li ġejjin:

   a) Il-punt ta' tluq taċ-ċiklu jkun id-dokument sinottiku tal-Kummissjoni ("rapport strateġiku"). Dan ir-rapport ikun eżaminat fil-konfigurazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, li tistabbilixxi linji gwida politiċi għall-linji ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' l-istrateġija.

   b) B'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 99 u 128 tat-Trattat, u abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill ser jadotta sett ta' "linji gwida integrati" li jikkonsistu minn żewġ elementi: il-linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika (BEPGs) u l-linji gwida dwar l-impjiegi (EGs). Bħala strument ġenerali għall-koordinazzjoni tal-linji politiċi ekonomiċi, il-BEPGs għandhom ikomplu jħaddnu l-firxa sħiħa tal-politika makro-ekonomika u dik mikro-ekonomika, kif ukoll il-politika ta' l-impjiegi safejn din tinteraġixxi ma' dawk il-linji politiċi; il-BEPGs jiżguraw konsistenza ekonomika ġenerali bejn it-tliet linji ta' l-istrateġija.

c) Abbażi tal-"linji gwida integrati":

- l-Istati Membri jfasslu, fuq responsabbiltà tagħhom, "programmi nazzjonali ta' riforma" mmirati lejn is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet tagħhom stess. Konsultazzjonijiet dwar dawn il-programmi jinżammu mal-partijiet interessati kollha fuq livell reġjonali u nazzjonali, inklużi korpi parlamentari skond il-proċeduri speċifiċi ta' kull Stat Membru. Il-programmi jieħdu kont ta' ċikli li jaffettwaw il-politika nazzjonali u jistgħu jiġu riveduti f'każ ta' bidla fis-sitwazzjoni. L-Istati Membri jtejbu l-koordinazzjoni interna tagħhom, fejn xieraq permezz tal-ħatra ta' "koordinatur nazzjonali ta' Lisbona";

- min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tippreżenta, bħala kontroparti għall-programmi nazzjonali, "programm Komunitarju ta' Lisbona" li jkopri l-azzjoni kollha li għandha tittieħed fuq il-livell Komunitarju fl-interessi tat-tkabbir u l-impjiegi, b'kont meħud tal-ħtieġa ta' konverġenza tal-linji politiċi.

d) Ir-rapporti dwar is-segwitu għall-Istrateġija ta' Lisbona mibgħuta lill-Kummissjoni minn Stati Membri kull sena – inkluża l-applikazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni – issa ser jiġu miġbura f'dokument uniku li jiddistingwi b'mod ċar bejn l-oqsma differenti ta' azzjoni u li jiġbed l-attenzjoni fuq il-miżuri kollha meħuda matul it-tnax il-xahar preċedenti biex jiġu implimentati l-programmi nazzjonali; l-ewwel tali dokument ser jiġi sottomess fil-ħarifa 2006.

e) Il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tat-tliet linji ta' l-istrateġija kull sena. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jirrevedi l-progress kull rebbiegħa u jiddeċiedi dwar kull aġġustament li jkun jenħtieġ għal-linji gwida integrati.

f) Għall-BEPGs, l-arranġamenti attwali ta' sorveljanza multilaterali japplikaw.

40. Fi tmiem it-tielet sena ta' kull ċiklu, il-linji gwida integrati, il-programmi ta' riforma nazzjonali u l-programm Komunitarju ta' Lisbona jiġu mġedda skond il-proċedura deskritta hawn fuq, bil-punt ta' tluq ikun rapport strateġiku mill-Kummissjoni, ibbażat fuq valutazzjoni ġenerali tal-progress matul it-tliet snin ta' qabel.

41. Fl-2005 ċ-ċiklu ser jibda f'April, bis-sottomissjoni mill-Kummissjoni tal-linji gwida integrati mfassla abbażi ta' dawn il-konklużjonijiet. L-Istati Membri huma mistiedna jfasslu l-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom fil-ħarifa 2005.

## III. ŻVILUPP SOSTENIBBLI

42. Fl-okkażjoni tar-rilanċ ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma li l-Istrateġija ta' Lisbona nnifisha għandha titqies fil-kuntest usa' tal-ħtieġa ta' l-iżvilupp sostenibbli li l-ħtiġijiet attwali jintlaħqu mingħajr ma' tiġi kompromessa l-kapaċità ta' ġenerazzjonijiet futuri milli jilħqu l-ħtiġijiet tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li jadotta dikjarazzjoni dwar prinċipji ta' gwida għall-iżvilupp sostenibbli fil-laqgħa tiegħu li jmiss, f'Ġunju 2005; dik id-dikjarazzjoni ser isservi bħala bażi għat-tiġdid ta' l-istrateġija ta' żvilupp sostenibbli adottata fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Göteborg fl-2001. Din l-istrateġija l-ġdida, iżjed kompleta u aktar ambizzjuża, inklużi għanijiet, indikaturi u proċedura ta' segwitu effiċjenti, għandha tkun ibbażata fuq viżjoni pożittiva għall-perijodu fit-tul u għandha tintegra b'mod sħiħ id-dimensjonijiet interni u esterni. L-istrateġija l-ġdida ser tiġi adottata sa tmiem l-2005 u l-Kummissjoni ser tissottometti l-proposti xierqa fi żmien debitu.

## IV. IL-BIDLA FIL-KLIMA

43. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li l-bidla fil-klima x'aktarx ser ikollha, fuq il-livell globali, implikazzjonijiet negattivi kbar ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Huwa jikkonferma li, bil-ħsieb li jintlaħaq l-għan aħħari tal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima, iż-żieda annwali dinjija tal-medja tat-temperatura fil-wiċċ m'għandhiex taqbeż iż-2ºC fir-rigward tal-livelli pre-industrijali.

44. Il-Kunsill Ewropew jinnota b'sodisfazzjon kbir id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Kyoto. F'dan ir-rigward, huwa jixtieq b'mod partikolari jikkongratula lill-Federazzjoni Russa tali rratifikat il-Protokoll.

45. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Nirbħu l-battalja kontra l-bidla globali fil-klima" u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-analiżi tagħha dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' strateġiji għat-tnaqqis tas-$CO_2$.

46. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza d-determinazzjoni ta' l-UE li ssaħħaħ mill-ġdid in-negozjati internazzjonali billi:

 – tesplora l-għażliet għal arranġament wara l-2012 fil-kuntest tal-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-bidla fil-klima, waqt li tiżgura l-usa' kooperazzjoni possibbli mill-pajjiżi kollha u l-parteċipazzjoni tagħhom f'risposta internazzjonali effettiva u adatta;

– tiżviluppa strateġija ta' l-UE ta' terminu medju u twil għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, li tkun konsistenti ma' l-ilħuq ta' l-objettiv ta' 2ºC. Bil-ħsieb tar-riduzzjonijiet globali meħtieġa fl-emissjonijiet, jinħtieġu sforzi konġunti globali fid-deċennji li ġejjin, konformi mar-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi komuni iżda differenzjati, inkluż it-titjib sinifikattiv ta' sforzi ta' tnaqqis aggregat mill-pajjiżi aktar ekonomikament avvanzati. Mingħajr ma jiġu preġudikati approċċi ġodda għad-differenzjazzjoni bejn il-partijiet f'qafas futur ġust u flessibbli, l-UE tistenna bil-ħerqa li tesplora flimkien ma' partijiet oħra strateġiji biex jintlaħaq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet meħtieġ u jemmen li, f'dan il-kuntest, toroq ta' tnaqqis għall-grupp tal-pajjiżi żviluppati ta' madwar 15-30% minn issa sa l-2020 imqabbla mal-bażi ta' referenza fil-Protokoll ta' Kyoto, u lil hinn, għandhom jiġu kkunsidrati fl-ispirtu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ambjent. Dawn il-varjazzjonijiet ta' tnaqqis ser ikollhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-ħidma futura dwar kif jista' jintlaħaq il-għan, inkluż l-aspett tal-kost-benefiċċju. Għandhom jiġu wkoll ikkunsidrati modi ta' kif jiġu involuti, b'mod effettiv, pajjiżi prinċipali ta' konsum ta' l-enerġija, inklużi dawk fost il-pajjiżi emerġenti u dawk li qed jiżviluppaw.

– tippromwovi miżuri effettivi fir-rigward ta' l-ispejjeż għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.

Il-Kunsill Ewropew ser iżomm din il-kwistjoni taħt reviżjoni regolari.

## V. ITER

47. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jinbena reattur esperimentali termonukleari internazzjonali (ITER) fuq is-sit Ewropew sa tmiem l-2005 u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel kull sforz biex jinkiseb dak il-għan, b'mod partikolari permezz tal-finalizzazzjoni tal-ftehim internazzjonali sa Lulju 2005.

## VI. TĦEJJIJA GĦAS-*SUMMIT* TAN-NU TA' SETTEMBRU 2005

48. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni, fil-21 ta' Marzu 2005, mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tar-rapport tiegħu "F'libertà akbar - lejn żvilupp, sigurtà u drittijiet tal-bniedem għal kulħadd" li jikkostitwixxi kontribut essenzjali għat-tħejjija tas-*summit* tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Settembru 2005 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju 2000 u tal-konferenzi kbar u *summits* tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li l-Unjoni hija deċiża bil-qawwa li jkollha rwol prinċipali fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti b'mod ġenerali u fit-tħejjija għas-*summit* b'mod partikolari. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tara li dan il-proċess iwassal għat-tfassil ta' risposti komuni għall-problemi ewlenin ta' żvilupp, sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem.

49. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħaffu l-ħidmiet tagħhom, b'mod speċjali fir-rigward ta' l-elementi diversi ta' l-aspett "żvilupp", b'mod li jiġu finalizzati l-posizzjonijiet tagħna dwar is-suġġetti differenti u sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tieħu rwol attiv waqt id-diskussjonijiet futuri.

Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza partikolari ta' l-Afrika fl-2005. Huwa laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissottometti proposti fi żmien qasir imfassla sabiex jagħtu kontibut sostanzjali għar-reviżjoni ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp u jirrinfurzaw is-sostenn ta' l-Unjoni lill-kontinent Afrikan. Huwa jieħu nota wkoll, f'dan il-kuntest, tar-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar l-Afrika.

50. Il-Kunsill Ewropew jesprimi x-xewqa li jitkompla u jiġi intensifikat proċess ta' djalogu fil-livelli kollha flimkien mal-gruppi ta' pajjiżi u l-pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha relazzjonijiet strutturati, biex tiġi promossa konverġenza ta' posizzjonijiet bil-ħsieb tal-kisba ta' riżultati ambizzjużi u bilanċjati fis-*summit* ta' Settembru 2005.

## VII. IL-LIBANU

51. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2005 dwar il-Libanu. Hu jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għal Libanu sovran, indipendenti u demokratiku. Hu jfakkar l-importanza tar-Riżoluzzjoni 1559 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u jesprimi s-sostenn sħiħ tiegħu għall-missjoni tal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

52. Il-Kunsill Ewropew jistieden lis-Sirja biex timplimenta malajr il-wegħdiet magħmula mill-President Bashar al-Assad fit-12 ta' Marzu 2005 li jirtira t-truppi u s-servizzi ta' tagħrif Sirjani kollha mil-Libanu. Dak l-irtirar jeħtieġ li jkun komplet u jeħtieġ li jitwettaq skond skeda ta' żmien preċiża.

53. Il-Kunsill Ewropew jittama li jiġi ffurmat gvern ġdid f'data bikrija u li jkun jista' jaġixxi fl-interessi tal-Lebaniżi kollha. Dak il-gvern irid ikun jista' jorganizza elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti fil-ħin, skond il-kostituzzjoni Lebaniża, mingħajr l-ebda interferenza jew indħil barrani. L-Unjoni Ewropea ser iżżomm sorveljanza mill-qrib fuq il-proċess elettorali u ser tkun lesta biex tipprovdi l-assistenza tagħha.

**ANNESS I**

**Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ**

Fl-isfond ta' popolazzjoni Ewropea li qed tixjieħ, il-Kunsill Ewropew jara l-bżonn li ż-żgħażagħ Ewropej jibbenefikaw minn sett ta' linji politiċi u miżuri li jiffurmaw għal kollox parti integrata mill-Istrateġija ta' Lisbona. Il-Patt għaż-Żgħażagħ għandu l-għan li jtejjeb l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-mobbiltà, l-integrazzjoni vokazzjonali u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ Ewropej, filwaqt li jiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja. Il-Patt għandu jiżgura l-konsistenza ġenerali ta' l-inizjattivi f'dawn l-oqsma u jipprovdi l-punt ta' tluq għal mobilizzazzjoni b'saħħitha u kontinwa f'isem iż-żgħażagħ. Is-suċċess tiegħu jiddependi fuq l-involviment tal-partijiet kollha kkonċernati, l-ewwel u qabel kollox ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali taż-żgħażagħ kif ukoll tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali u tas-sħab soċjali.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri, kull wieħed minnhom fil-limiti tas-setgħat tiegħu u b'mod partikolari taħt l-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi u taħt l-istrateġija dwar l-inklużjoni soċjali, biex jispiraw ruħhom mil-linji ta' azzjoni li ġejjin:

**L-impjiegi, l-integrazzjoni u l-avvanz soċjali**

- jagħmlu monitoraġġ b'mod speċifiku tal-politika għall-integrazzjoni sostnuta taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-programm ta' tagħlim reċiproku dwar l-impjiegi;
- jagħmlu sforz biex jiżdiedu l-impjiegi fost iż-żgħażagħ;
- jagħtu prijorità taħt il-politika nazzjonali ta' l-inklużjoni soċjali lit-titjib tas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ l-iżjed vulnerabbli, b'mod partikolari ta' dawk fil-faqar, u lil inizjattivi biex jimpedixxu l-falliment edukattiv;
- jistiednu lil min iħaddem u lill-intrapriżi biex juru responsabbiltà soċjali fil-qasam ta' l-integrazzjoni vokazzjonali taż-żgħażagħ;

- iħeġġu liż-żgħażagħ biex jiżviluppaw l-intraprenditorija u jippromwovu l-iżvilupp ta' intraprendituri żgħażagħ;

**Edukazzjoni, taħriġ u mobbiltà**

- jiżguraw li l-għarfien jaqbel mal-ħtiġijiet ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u, għal dan il-fini, iħeġġu l-iżvilupp ta' sett komuni ta' kompetenzi ċentrali; f'dan il-kuntest, jikkonċentraw prinċipalment fuq il-problema tal-ħruġ qabeliż-żmien mis-sistema skolastika;

- jespandu l-possibilitajiet għall-istudenti biex jgħaddu perijodu ta' studju fi Stat Membru ieħor;

- iħeġġu l-mobbiltà taż-żgħażagħ billi jneħħu x-xkiel għal dawk li qed jitħarrġu, voluntiera u ħaddiema u għall-familji tagħhom,

- għar-riċerkaturi jqawwu l-inizjattivi li għaddejjin bħal issa taħt il-programm Marie Curie;

- jiżviluppaw, bejn l-Istati Membri, kooperazzjoni eqreb fuq trasparenza u komparabbiltà ta' kwalifiki professjonali u r-rikonoxximent ta' edukazzjoni non-formali u informali;

**Rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik personali u tal-familja**

- jippromovu r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja billi jinqasmu r-responsabbiltajiet bejn il-konjuġi b'mod partikolari billi jespandu n-*network* li jieħu ħsieb it-tfal u jiżviluppaw forom innovattivi ta' organizzazzjoni tax-xogħol;

- jikkunsidraw politika favorevoli għat-tfal, fid-dawl ta' diskussjonijiet dwar il-*Green Paper* tal-Kummissjoni dwar il-bidla demografika li l-Kummissjoni qed tħejji biex tadotta.

**ANNESS II**

# Titjib ta' l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

## - Rapport tal-Kunsill lill-Kunsill Ewropew -

Dan ir-Rapport jippreżenta proposti għat-tisħiħ u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, bil-għan tat-titjib tal-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika ekonomika skond l-Artikolu 99 tat-Trattat u li jiġi evitat deficit eċċessiv kif meħtieġ mill-Artikolu 104(1) tat-Trattat.

Il-Kunsill jikkonferma li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, mibni fuq l-Artikoli 99 u 104 tat-Trattat, huwa parti essenzjali tal-qafas makroekonomiku ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Billi jeħtieġ lill-Istati Membri jikkoordinaw il-linji politiċi tagħhom dwar il-*budget* u jevitaw deficit eċċessiv, huwa jikkontribwixxi għall-kisba ta' stabbiltà makroekonomika fl-UE u għandu rwol ċentrali fl-iżgurar ta' inflazzjoni baxxa u rati ta' interess baxxi, li huma kontributi essenzjali għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien ta' l-impjiegi.

Il-Kunsill ifakkar fid-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-184 (annessa ma' l-Att Finali tal-Kostituzzjoni), li affermat mill-ġdid l-impenn tal-Kunsill Ewropew għall-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona – ħolqien ta' impjiegi, riformi strutturali, u koeżjoni soċjali – u li dwar il-politika tal-*budget* iddikjarat li: "L-Unjoni timmira għall-kisba ta' tkabbir ekonomiku bilanċjat u ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet. Għaldaqstant, il-linji politiċi ekonomiċi u tal-*budget* għandhom jistabbilixxu l-prioritajiet ġusti rigward riformi ekonomiċi, ta' innovazzjoni, ta' kompetittività u ta' tisħiħ ta' l-investiment privat u l-konsum fi żminijiet ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef. Dan għandu jiġi rifless fl-orjentazzjonijiet tad-deċiżjonijiet dwar il-*budget* kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell ta' l-Unjoni, b'mod partikolari permezz tar-ristrutturazzjoni tad-dħul u ta' l-infiq pubbliku, b'rispett għad-dixxiplina fil-*budget* skond il-Kostituzzjoni u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir."

Iż-żewġ ankri nominali tal-Patt - il-valur ta' referenza ta' 3% tal-GDP għall-proporzjon tad-deficit u l-valur ta' referenza ta' 60% tal-GDP għall-proporzjon tad-dejn – taw prova tas-siwi tagħhom u għadhom il-qofol tas-sorveljanza multilaterali. Madankollu, il-Kunsill Ewropew innota f'Ġunju 2004 l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi kkjarifikata l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, sabiex titrawwem it-trasparenza u l-appartenenza nazzjonali tal-qafas fiskali ta' l-UE u biex jittejjeb l-infurzar tar-regoli u d-disposizzjonijiet tiegħu.

Il-Patt irid jiġi applikat fil-pajjiżi b'mod ġust u konsistenti u għandu jinftiehem mill-opinjoni pubblika. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li sistema bbażata fuq ir-regoli hija l-aqwa garanzija sabiex l-impenji jiġu infurzati u sabiex l-Istati Membri kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali. Fit-tisħiħ u l-kjarifika tal-Patt huwa essenzjali li jiġi żgurat ekwilibriju xieraq bejn il-grad ogħla ta' ġudizzju ekonomiku u diskrezzjoni politika fis-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika tal-*budget* u l-ħtieġa li l-qafas ibbażat fuq ir-regoli jinżamm sempliċi, trasparenti u inforzabbli.

Madankollu, f'Unjoni Ewropea ta' 25 pajjiż, karatterizzata minn diversità u eteroġeneità konsiderevoli, kif ukoll minħabba l-esperjenza ta' 5 snin ta' EMU, qafas komuni mogħni b'enfasi akbar fuq ir-razzjonal ekonomiku tar-regoli tiegħu jippermetti li d-differenzi ekonomiċi madwar l-UE jiġu ttrattati aħjar. L-objettiv huwa għalhekk li jissaħħaħ l-irfid ekonomiku tal-qafas eżistenti u b'hekk li jissaħħu l-kredibbiltà u l-infurzar. L-għan mhux li tiżdied ir-riġidità jew il-flessibbiltà tar-regoli attwali iżda li dawn isiru aktar effettivi.

Abbażi ta' dan, ir-riforma timmira biex twieġeb aħjar għan-nuqqasijiet imġarrba sa issa permezz ta' enfasi akbar fuq l-iżviluppi ekonomiċi u żieda fl-attenzjoni fuq is-salvagwardja tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Barra minn dan, l-istrumenti għall-governanza ekonomika ta' l-UE jeħtieġu li jkunu marbuta aħjar ma' xulxin sabiex jittejjeb il-kontribut tal-politika fiskali għat-tkabbir ekonomiku u jiġi sostnut il-progress lejn it-twettiq ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

B'segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2004 dwar "It-tisħiħ tal-governanza ekonomika u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", il-Kunsill ħadem biex jagħmel proposti konkreti għal riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Kunsill, waqt li rreveda d-disposizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, sab prinċipalment ħames oqsma fejn jista' jsir titjib:

(i) jittejjeb ir-razzjonal ekonomiku tar-regoli tal-*budget* biex jiġu mtejba l-kredibbiltà u l-appartenenza tagħhom;

(ii) tittejjeb l-"appartenenza" minn dawk li jfasslu l-politika nazzjonali;

(iii) jintużaw b'mod aktar effettiv il-perijodi li fihom l-ekonomiji jkunu qed jikbru iżjed mix-xejriet għall-konsolidazzjoni tal-*budget* sabiex jiġu evitati linji politiċi pro-ċikliċi;

(iv) jittieħed kont aħjar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-perijodi li fihom l-ekonomiji jkunu qed jikbru inqas mix-xejriet;

(v) tingħata biżżejjed attenzjoni fis-sorveljanza tal-posizzjonijiet tal-*budget* lid-dejn u s-sostenibbiltà.

Fit-tfassil tal-proposti għal riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kunsill ta l-attenzjoni debita lit-titjib tal-governanza u l-appartenenza nazzjonali tal-qafas fiskali, biex isaħħaħ l-irfid ekonomiku u l-effettività tal-Patt, kemm fl-id preventiva kif ukoll f'dik korrettiva tiegħu, biex jissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għal perijodu fit-tul, biex jippromwovi t-tkabbir u biex jevita li jiġu imposti piżijiet eċċessivi fuq ġenerazzjonijiet futuri.

Skond ir-Riżoluzzjoni ta' Lussemburgu dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kunsill jikkonferma li koordinazzjoni msaħħa tal-linji politiċi fiskali trid tkun konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà tat-Trattat, tirrispetta l-prerogativi tal-Gvernijiet nazzjonali fid-determinazzjoni tal-linji politiċi strutturali u tal-*budget* tagħhom, filwaqt li tikkonforma mad-disposizzjonijiet tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Ministri jindikaw f'dan ir-rapport il-bidliet leġislativi neċessarji sabiex l-fehmiet tagħhom dwar ir-riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir isiru operattivi. Huma bi ħsiebhom li jżommu l-bidliet għall-inqas possibbli u jistennew bil-ħerqa l-proposti mill-Kummissjoni biex jagħtu effett lill-fehmiet tagħhom.

## 1. Titjib tal-governanza

Sabiex tiżdied il-leġittimità tal-qafas fiskali ta' l-UE u sabiex jissaħħaħ is-sostenn għall-għanijiet u l-arranġamenti istituzzjonali tiegħu, il-Kunsill jikkunsidra li l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Kunsill, filwaqt li jevitaw li jintmess il-bilanċ istituzzjonali, iridu jwettqu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari:

1) Il-Kummissjoni u l-Kunsill jirrispettaw ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jimplimentaw il-linji politiċi ta' l-għażla tagħhom fil-limiti stabbilti mit-Trattat, b'mod partikolari mill-Artikoli 99 u 104, filwaqt li l-Istati Membri jridu jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill;
2) Il-Kummissjoni trid teżerċita d-dritt ta' inizjattiva tagħha f'ħin debitu u tapplika r-regoli b'mod effettiv, filwaqt li l-Kunsill u l-Istati Membri jirrispettaw ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat u tal-proċeduri tiegħu;
3) Il-Kunsill irid jeżerċita b'mod responsabbli l-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu, filwaqt li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrispettaw ir-responsabbiltà tal-Kunsill għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fi ħdan l-Unjoni Ewropea u r-rwol tiegħu għall-funzjonament tajjeb ta' l-unjoni ekonomika u monetarja;
4) L-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jimplimentaw it-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod effettiv u f'waqtu, permezz tas-sostenn bejn il-pari u l-pressjoni mill-pari, u biex jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib u kostruttiva fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika u fiskali, sabiex jiggarantixxu ċ-ċertezza u l-effettività fir-regoli tal-Patt.

Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tittejjeb il-governanza u tissaħħaħ l-appartenenza nazzjonali tal-qafas fiskali permezz tal-proposti deskritti hawn taħt.

### 1.1. Kooperazzjoni u komunikazzjoni

Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom japplikaw it-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod effettiv u f'waqtu. Il-partijiet għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib u kostruttiva fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika u fiskali sabiex jiggarantixxu ċ-ċertezza u l-effettività fir-regoli tal-Patt.

Fl-ispirtu tat-trasparenza u s-sens ta' rendikont, konsiderazzjoni debita għandha tingħata lil komunikazzjoni sħiħa u f'waqtha fost l-istituzzjonijiet kif ukoll mal-pubbliku ġenerali. B'mod partikolari, sabiex jitrawwen skambju ta' fehmiet sinċier u kunfidenzjali, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jiskambjaw informazzjoni antiċipata dwar l-intenzjonijiet tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura ta' monitoraġġ tal-*budget* u d-defiċit eċċessiv, mingħajr preġudizzju għall-prerogativi rispettivi tagħhom.

**1.2. Titjib tas-sostenn bejn il-pari u l-applikazzjoni tal-pressjoni mill-pari**

Il-Kunsill jaqbel li t-titjib ta' l-effettività tas-sostenn bejn il-pari u tal-pressjoni mill-pari huwa parti integrali minn Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jimpenjaw ruħhom li jimmotivaw u jagħmlu pubbliċi l-posizzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom fl-istadji kollha xierqa tal-proċedura tal-Patt.

Is-sostenn bejn il-pari u l-pressjoni mill-pari fuq il-livell taż-żona ta' l-euro għandhom jingħataw fil-qafas tal-koordinazzjoni mwettqa fil-Eurogroup u jkunu bbażati fuq valutazzjoni orizzontali ta' l-iżviluppi nazzjonali fir-rigward tal-*budget* u ta' l-implikazzjonijiet tagħhom għaż-żona ta' l-euro bħala tali. Din il-valutazzjoni għandha ssir ta' l-inqas darba fis-sena qabel is-sajf.

**1.3. Istituzzjonijiet u regoli nazzjonali tal-*budget* komplimentari**

Il-Kunsill jaqbel li r-regoli nazzjonali tal-*budget* għandhom ikunu komplimentari għall-impenji ta' l-Istati Membri taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Bil-maqlub għal dan, fuq il-livell ta' l-UE, għandhom jingħataw inċentivi u jitneħħew diżinċentivi biex regoli nazzjonali jagħtu sostenn lill-għanijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jindika diżinċentivi li ġejjin mill-impatt fil-qafas fiskali ta' ċerti regoli ESA95 ta' kontabilità u ta' l-istatistika.

L-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali eżistenti (regoli dwar l-infiq, eċċ.) tista' tiġi diskussa f'programmi ta' stabbiltà u konverġenza, b'attenzjoni debita u sa fejn ikunu rilevanti għar-rispett tar-regoli tal-*budget* ta' l-UE, minħabba li l-Istati Membri huma impenjati fuq il-livell Ewropew biex jirrispettaw dawn ta' l-aħħar, u li l-konformità mar-regoli tal-*budget* ta' l-UE tikkostitwixxi ċ-ċentru tal-valutazzjoni tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-arranġamenti domestiċi ta' governanza għandhom jikkumplimentaw il-qafas ta' l-UE. L-istituzzjonijiet nazzjonali jista' jkollhom rwol aktar prominenti fis-sorveljanza tal-*budget* sabiex isaħħu l-appartenenza nazzjonali, itejbu l-infurzar permezz ta' l-opinjoni pubblika nazzjonali u jikkomplementaw l-analiżi ekonomika u tal-linji politiċi fil-livell ta' l-UE.

## 1.4. Programm ta' stabbiltà għal-leġislatura

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri, meta jkunu qed iħejju l-ewwel aġġornament tal-programm ta' stabbiltà/konverġenza tagħhom wara li gvern ġdid ikun beda l-mandat tiegħu, juru kontinwità fir-rigward tal-miri tal-*budget* approvati mill-Kunsill abbażi ta' l-aġġornament preċedenti tal-programm dwar l-istabbiltà/konverġenza u - b'kunsiderazzjoni għal-leġislatura kollha - sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-mezzi u l-istrumenti li bi ħsiebu juża biex jilħaq dawn il-miri billi jistabbilixxi l-istrateġija tiegħu tal-*budget*.

## 1.5. Involviment tal-Parlamenti nazzjonali

Il-Kunsill jistieden lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri biex jippreżentaw programmi ta' stabbiltà/konverġenza u l-opinjonijiet tal-Kunsill dwarhom lill-Parlamenti nazzjonali tagħhom. Il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jiddiskutu s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet fil-kuntest tal-proċeduri ta' twissija bikrija u ta' defiċit eċċessiv.

## 1.6. Previżjonijiet makroekonomiċi affidabbli

Il-Kunsill jagħraf li hi ħaġa importanti li l-projezzjonijiet tal-*budget* jiġu bbażati fuq previżjonijiet makroekonomiċi realistiċi u kawti. Huwa jagħraf ukoll il-kontribut importanti li jistgħu jagħtu l-previżjonijiet tal-Kummissjoni għall-koordinament tal-politika ekonomika u fiskali.

Fil-projezzjonijiet makroekonomiċi u tal-*budget* tagħhom, l-Istati Membri, b'mod partikolari l-Istati Membri fiż-żona ta' l-euro u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-ERM II, għandhom jużaw is-"suppożizzjonijiet esterni komuni" jekk provduti mill-Kummissjoni fi żmien debitu. L-Istati Membri huma ħielsa li jibbażaw il-programmi ta' stabbiltà/konverġenza tagħhom fuq il-projezzjonijiet tagħhom stess. Madankollu, diverġenzi bejn il-previżjonijiet nazzjonali u dawk tal-Kummissjoni għandhom jiġu mfissra b'ċertu dettall. Din l-ispjega isservi ta' referenza meta jkunu qed jiġu valutati żbalji ta' previżjoni *a posteriori*.

Minħabba l-inevitabbiltà ta' żbalji ta' previżjoni, għandha tingħata enfasi akbar fuq il-programmi ta' stabbiltà/konverġenza fit-twettiq ta' analiżi sensittiva u komprensiva u/jew l-iżvilupp ta' xenarji alternattivi, sabiex il-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jikkunsidraw il-medda sħiħa tar-riżultati fiskali possibbli.

### 1.7. Governanza ta' statistika

Il-Kunsill jaqbel li l-implimentazzjoni tal-qafas fiskali u l-kredibbiltà tiegħu jiddependu b'mod kruċjali fuq kemm tkun ta' kwalità, affidabbli u f'waqtha l-istatistika fiskali. Statistika affidabbli u f'waqtha m'hijiex biss essenzjali għall-valutazzjoni tal-posizzjonijiet tal-*budget* tal-gvern; trasparenza sħiħa ta' tali statistika tkun tippermetti wkoll l-iswieq finanzjarji sabiex jivvalutaw aħjar kemm l-Istati Membri differenti jkun ħaqqhom li jingħataw il-kreditu, liema fatt jipprovdi funzjoni importanti ta' sinjalar għal żbalji ta' politika

Il-kwistjoni ċentrali tibqa' dik li jkunu żgurati prattika, riżorsi u kapaċitajiet adegwati sabiex tkun prodotta statistika ta' kwalità f'livell nazzjonali u Ewropew bil-ħsieb li jiġu żgurati l-indipendenza, l-integrità u s-sens ta' rendikont kemm ta' l-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika kif ukoll ta' l-Eurostat. Barra minn hekk, l-attenzjoni għandha tkun fuq li jiġu żviluppati l-kapaċità operattiva, il-poter ta' monitoraġġ, l-indipendenza u s-sens ta' rendikont ta' l-Eurostat. Matul l-2005, il-Kummissjoni u l-Kunsill qed jittrattaw il-kwistjoni dwar it-titjib tal-governanza tas-sistema Ewropea ta' l-istatistika.

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jaffermaw l-impenn tagħhom biex jipproduċu statistika ta' kwalità u affidabbli tal-*budget* u biex jiżguraw kooperazzjoni reċiproka sabiex jintlaħaq dan il-għan. Għandha tiġi kkunsidrati l-imposizzjoni ta' sanzjonijiet fuq Stat Membru meta jkun hemm ksur ta' l-obbligu fejn *data* tal-gvern tkun trid tiġi debitament rapportata.

**2. Tisħiħ ta' l-id preventiva**

Hemm qbil ġenerali li l-perijodi ta' tkabbir 'il fuq mix-xejriet għandhom jintużaw għall-konsolidazzjoni tal-*budget* sabiex jiġu evitati linji politiċi pro-ċikliċi. Il-falliment tal-passat sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' *budget* għall-perijodu medju ta' 'qrib il-bilanċ jew bilanċ favorevoli' jitlob għat-tisħiħ ta' l-id preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, permezz ta' impenn imġedded mill-Istati Membri biex jieħdu l-azzjoni tal-*budget* meħtieġa sabiex jikkonverġu lejn dan l-objettiv u jirrispettawh.

**2.1. Definizzjoni ta' l-objettiv tal-*budget* għall-perijodu medju**

Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jistabbilixxi l-obbligu ta' l-Istati Membri sabiex jaderixxu ma' l-objettiv għall-perijodu medju (MTO) għall-posizzjoni tagħhom ta' *budget* ta' "qrib il-bilanċ jew bilanċ favorevoli" (CTBOIS).

Fid-dawl ta' eteroġeneità ekonomika u tal-*budget* akbar fl-UE ta' 25 Stat Membru, il-Kunsill jaqbel li l-MTO għandu jkun differenzjat għall-Istati Membri individwali sabiex jittieħed kont tad-diversità ta' posizzjonijiet u żviluppi tal-*budget* u ekonomiċi kif ukoll tar-riskju fiskali għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, ukoll fid-dawl tal-bidliet demografiċi prospettivi.

Il-Kunsill għalhekk jipproponi li jiżviluppa objettivi għall-perijodu medju li, billi jieħdu kont tal-karatteristiċi ta' l-ekonomija ta' kull Stat Membru, jimmiraw lejn għan triplu. Għandhom l-ewwelnett jipprovdu marġni ta' sigurtà fir-rigward tal-limitu tad-defiċit ta' 3%. Għandhom ukoll jiżguraw li jkun hemm progress rapidu lejn is-sostenibbiltà. B'kont meħud ta' dan, huma għandhom iħallu wisa' għall-manuvrar tal-*budget*, b'mod partikulari b'konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet għall-investiment pubbliku.

L-MTOs għandhom ikunu differenzjati u jistgħu jkunu diverġenti mis-CTBOIS għal Stati Membri individwali abbażi tal-proporzjon attwali tad-dejn tagħhom u tat-tkabbir potenzjali, filwaqt li jżommu marġni suffiċjenti 'l isfel mill-valur ta' referenza ta -3% tal-GDP. Il-medda għall-MTOs għal kull pajjiż għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro u l-ERM II għandha tkun għalhekk, f'termini aġġustati ċiklikament, netta minn miżuri ta' darba u temporanji, bejn -1% tal-GDP għal pajjiżi b'dejn baxx/tkabbir potenzjali għoli u f'bilanċ jew bilanċ favorevoli għal pajjiżi b'dejn għoli/tkabbir potenzjali baxx.

Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għall-perijodu fit-tul tkun sostnuta mill-konverġenza tal-proporzjonijiet ta' dejn lejn livelli prudenti.

Passivi impliċiti (relatati ma' nfiq li qed jiżdied fid-dawl ta' popolazzjonijiet li qed jixjieħu) għandhom jitqiesu, hekk kif il-kriterji u l-modalitajiet għal dan ikunu stabbiliti u miftiehma mill-Kunsill b'mod adegwat. Sa l-aħħar ta' l-2006, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fil-metodoloġija għall-ikkompletar ta' l-analiżi billi tinkorporar tali passivi impliċiti.

Il-Kunsill jisħaq, madankollu, li wieħed ma jistax jistenna li l-politika fiskali għall-perijodu qasir tlaħħaq ma' l-effetti strutturali kollha tax-xjuħija demografika u jistieden lill-Istati Membri sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali fl-oqsma relatati max-xjuħija tal-popolazzjonijiet tagħhom kif ukoll lejn iż-żieda tal-proporzjon ta' l-impjiegi u l-parteċipazzjoni.

L-objettivi tal-*budget* għall-perijodu medju jistgħu jiġu riveduti meta riforma maġġuri tiġi implimentata u fi kwalunkwe każ kull erba' snin, sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fid-dejn tal-gvern, it-tkabbir potenzjali u s-sostenibbiltà fiskali.

### 2.2. Triq ta' aġġustament lejn objettiv għall-perijodu medju

Il-Kunsill jikkunsidra li għandu jinkiseb approċċ aktar simetriku għall-politika fiskali matul iċ-ċiklu permezz ta' dixxiplina fil-*budget* mtejba f'perijodi ta' rpiljar ekonomiku, bl-objettiv li jiġu evitati linji politiċi pro-ċikliċi u sabiex gradwalment jintlaħaq l-objettiv għall-perijodu medju, u b'hekk jinħoloq l-ispazju meħtieġ biex jiġi akkomodat kull tnaqqis fl-attività ekonomika u jitnaqqas id-dejn tal-gvern b'pass sodisfaċenti, u b'hekk ikun hemm kontribut għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għall-perijodu fit-tul.

L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom f'livell Ewropew li jikkonsolidaw b'mod attiv il-finanzi pubbliċi fi żminijiet tajba. Il-preżunzjoni hi li jintuża d-dħul żejjed u mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit u tad-dejn.

L-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-MTO tagħhom għandhom jimpenjaw ruħhom li jieħdu passi biex jiksbuh matul iċ-ċiklu. L-isforz ta' aġġustament tagħhom għandu jkun ogħla fi żminijiet tajba; jista' jkun aktar limitat fi żminijiet ħżiena. Sabiex jilħqu l-MTO tagħhom, l-Istati Membri taż-żona tal-euro jew ta' l-ERM-II għandhom isegwu aġġustament annwali f'termini aġġustati ċiklikament, nett minn miżuri ta' darba u oħrajn temporanji, ta' 0.5% tal-GDP bħala *benchmark*. "Żminijiet tajba" għandhom ikunu identifikati bħala perijodi fejn il-produzzjoni teċċedi l-livell potenzjali tagħha, b'kont meħud ta' l-elastiċità fiskali.

L-Istati Membri li ma jsegwux it-triq ta' aġġustament meħtieġa jispjegaw ir-raġunijiet għad-devjazzjoni fl-aġġornament annwali tal-programmi ta' stabbiltà/konverġenza. Il-Kummissjoni toħroġ pariri ta' politika sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu fuq it-triq ta' aġġustament tagħhom. Tali pariri ta' politika jinbidlu fi twissijiet bikrija skond il-Kostituzzjoni hekk kif issir applikabbli.

**2.3. Kunsiderazzjoni tar-riformi strutturali**

Il-Kunsill jaqbel li, sabiex titjieb in-natura tal-Patt orjentata lejn it-tkabbir, riformi strutturali ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta tkun qed tiġi definita t-triq ta' aġġustament għall-objettiv għall-perijodu medju għall-pajjiżi li għadhom ma laħqux dan l-objettiv u meta jippermettu devjazzjoni temporanja minn dan l-objettiv għall-pajjiżi li jkunu diġà laħquh, bil-ftehim ċar li marġni ta' sigurtà biex jiġi żgurat ir-rispett ta' 3% tal-valur ta' referenza tal-GDP għad-deficit irid jiġi ggarantit u li l-posizzjoni tal-*budget* tkun mistennija li tirritorna għall-MTO fil-perijodu tal-programm.

Riformi maġġuri biss li għandhom effetti diretti ta' tnaqqis fl-ispejjeż għal perijodu fit-tul, inkluż billi jogħla l-potenzjal tat-tkabbir, u għalhekk impatt pożittiv li jista' jiġi vverifikat fuq is-sostenibbiltà għall-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi, jiġu meqjusa. Analiżi dettaljata tal-kost-benefiċċju ta' dawk ir-riformi mill-perspettiva tal-*budget* tkun teħtieġ li tiġi provduta fil-qafas ta' l-aġġornament annwali tal-programmi ta' stabbiltà/konverġenza.

Dawn il-proposti għandhom jiġu introdotti fir-Regolament 1466/97.

Barra minn hekk, il-Kunsill huwa konxju li r-rispett tal-miri tal-*budget* tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir m'għandux ifixkel ir-riformi strutturali li mingħajr dubju jtejbu s-sostenibbiltà għall-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Il-Kunsill jirrikonoxxi li jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lir-riformi tal-pensjonijiet bl-introduzzjoni ta' sistema b'diversi pilastri li tinkludi pilastru obbligatorju kompletament iffinanzjat. Għalkemm dawn ir-riformi jinvolvu deterjorazzjoni fil-perijodu qasir tal-finanzi pubbliċi matul il-perijodu ta' implimentazzjoni, is-sostennibbiltà fil-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi hija mtejba b'mod ċar. Il-Kunsill għalhekk jaqbel li l-Istati Membri li jkunu qed jimplimentaw tali riformi għandhom jitħallew jiddevjaw mit-triq ta' aġġustament lejn l-MTO, jew mill-MTO nnifisu. Id-devjazzjoni mill-MTO għandha tirrifletti l-ispiża netta tar-riforma għall-pilastru amministrat pubblikament, basta li d-devjazzjoni tibqa' temporanja u marġni ta' sigurtà adatt għall-valur ta' referenza huwa preżervat.

### 3. Titjib ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv

Il-proċedura ta' deficit eċċessiv għandha tibqa' sempliċi, trasparenti u ekwa. Madankollu, l-esperjenza tas-snin reċenti turi lok possibbli għal titjib fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-prinċipju ta' gwida għall-applikazzjoni tal-proċedura huwa l-korrezzjoni bla telf ta' żmien ta' deficit eċċessiv.

Il-Kunsill jenfasizza li l-iskop tal-proċedura ta' deficit eċċessiv huwa biex jgħin aktar milli biex jikkastiga, u għalhekk biex jiġu provduti inċentivi għall-Istati Membri biex isegwu dixxiplina tal-*budget*, permezz ta' sorveljanza msaħħa, sostenn mill-pari u pressjoni mill-pari. Barra minn hekk, żbalji ta' politika għandhom ikunu distinti b'mod ċar minn żbalji ta' previżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv. Jekk minkejja dan Stat Membru jonqos milli jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lilu taħt il-proċedura ta' deficit eċċessiv, il-Kunsill għandu s-setgħa japplika s-sanzjonijiet disponibbli.

### 3.1. Tħejjija ta' rapport tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 104(3)

Sabiex jiġi evitat defiċit eċċessiv tal-gvernijiet, kif mitlub mill-Artikolu 104(1) tat-Trattat, ir-rapporti, mħejjija mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 104(3) tat-Trattat bħala riżultat tal-monitoraġġ tagħha, jiffurmaw il-bażi ta' l-opinjoni ta' l-EFC, il-valutazzjoni suċċessiva tal-Kummissjoni u fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif ukoll dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, inkluż dwar it-termini perentorji għall-korrezzjoni tad-defiċit.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma determinati li b'mod ċar jippreżervaw u jżommu l-valuri ta' referenza ta' 3% u 60% tal-GDP bħala l-ankri tal-monitoraġġ ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-*budget* u tal-proporzjon ta' dejn tal-gvern għall-GDP fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser dejjem tipprepara rapport abbażi ta' l-Artikolu 104(3) tat-Trattat. Il-Kummissjoni għandha teżamina fir-rapport tagħha jekk tapplikax waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet previsti rispettivament fl-Artikolu 104(2)(a) u (b). Il-Kunsill minn issa 'l quddiem jipproponi reviżjonijiet jew kjarifiki tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-eċċezzjonijiet.

Kif previst mit-Trattat, fir-rapport tagħha l-Kummissjoni għandha barra minn hekk tieħu kont ta' jekk id-defiċit tal-gvern ta' l-Istat Membru jeċċedix l-infiq fuq l-investiment tal-gvern u tieħu kont tal-fatturi rilevanti l-oħra kollha, inkluża l-posizzjoni ekonomika u tal-*budget* ta' l-Istat Membru għall-perijodu medju. Il-Kunsill minn issa 'l quddiem jipproponi kjarifiki għall-kunċett ta' "il-fatturi rilevanti l-oħra kollha".

### 3.2. Eċċess "eċċezzjonali u temporanju" tad-defiċit 'il fuq mill-valur ta' referenza

It-Trattat jipprevedi, fl-Artikolu 104(2)(a) it-tieni inċiż, eċċezzjoni jekk eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza huwa biss eċċezzjonali u temporanju u jekk il-proporzjoni jibqa' qrib il-valur ta' referenza.

Filwaqt li, sabiex jittieħed benefiċċju minn dik l-eċċezzjoni, il-proporzjon irid dejjem jibqa' qrib il-valur ta' referenza, ir-Regolament 1467/97 jagħti definizzjonijiet dwar meta eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza, iżda xorta qrib tiegħu, għandu jkun ikkunsidrat bħala eċċezzjonali u temporanju: sabiex ikun ikkunsidrat bħala eċċezzjonali, l-eċċess irid jirriżulta minn avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll ta' l-Istat Membru u b'impatt kbir fuq il-posizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali, jew irid jirriżulta minn tnaqqis ekonomiku gravi. Sabiex l-eċċess ikun temporanju, il-previżjoni tal-Kummissjoni dwar il-*budget* jeħtieġ li tindika li d-defiċit ser jaqa' taħt il-valur ta' referenza wara t-tmiem ta' l-avveniment mhux tas-soltu jew it-tnaqqis ekonomiku gravi.

Tnaqqis ekomomiku gravi huwa attwalment definit – bħala regola – bħala tnaqqis annwali tal-GDP reali ta' mill-inqas 2%. Barra minn hekk, fil-każ ta' tnaqqis annwali tal-GDP reali ta' inqas minn 2%, ir-Regolament 1467/97 xorta jippermettti lill-Kunsill biex jiddeċiedi li l-ebda defiċit eċċessiv ma jeżisti, fid-dawl ta' evidenza ulterjuri, b'mod partikolari dwar kemm it-tnaqqis ekonimiku jseħħ f'daqqa jew dwar it-telf akkumulat ta' produzzjoni b'mod relattiv ma' xejriet tal-passat.

Il-Kunsill jikkunsidra li d-definizzjoni attwali ta' "tnaqqis ekonomiku gravi" mogħtija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament 1467/97 hija restrittiva wisq. Il-Kunsill jikkunsidra li l-paragrafi (2) u (3) ta' l-Artikolu 2 fir-Regolament 1467/97 jeħtieġ li jiġu adattati sabiex jippermettu kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kunsill, fil-valutazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, skond il-paragrafi (3) sa (6) ta' l-Artikolu 104 tat-Trattat, biex jikkunsidraw bħala eċċezzjonali eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza li jirriżulta minn rata ta' tkabbir negattiva jew mit-telf akkumulat ta' produzzjoni matul perijodu twil ta' tkabbir żgħir ħafna f'relazzjoni mat-tkabbir potenzjali.

### 3.3. "Il-fatturi rilevanti l-oħra kollha"

L-Artikolu 104(3) tat-Trattat jitlob li, fit-tħejjija tar-rapport dwar il-fatt li l-kriterji għall-konformità mad-dixxiplina tal-*budget* ma ġewx sodisfatti, il-Kummissjoni "għandha tieħu kont ukoll tal-fatt jekk id-defiċit tal-gvern jaqbiżx l-infiq ta' l-investiment tal-gvern u tieħu kont tal-fatturi rilevanti l-oħra kollha, inkluża l-posizzjoni ekonomika u tal-*budget* għall-perijodu medju ta' l-Istat Membru". Valutazzjoni globali bilanċjata trid tinkludi dawn il-fatturi kollha.

Il-Kunsill jenfasizza li l-fatt li jittieħed kont ta' "fatturi rilevanti oħra" fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (l-Artikolu 104, paragrafi (4), (5) u (6)) jeħtieġ li jkun kondizzjonali kompletament fuq il-prinċipju ġenerali - qabel ma jittieħed kont ta' fatturi rilevanti oħra - li l-eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza huwa temporanju u d-defiċit jibqa' qrib il-valur ta' referenza.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-qafas biex jittieħed kont tal-"fatturi rilevanti l-oħra kollha" għandu jiġi ċċarat. Ir-rapport tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 104(3) għandu jirrifletti b'mod xieraq l-iżviluppi fil-posizzjoni ekonomika fil-perijodu medju (b'mod partikolari t-tkabbir potenzjali, il-kondizzjonijiet ċikliċi prevalenti, l-implimentazzjoni ta' politika fil-kuntest ta' l-aġenda ta' Lisbona u politika biex jiġu mrawma l-R&D u l-innovazzjoni) u żviluppi fil-posizzjoni tal-*budget* fil-perijodu medju (b'mod partikolari, l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali fi "żminijiet tajba", is-sostenibbiltà tad-dejn, l-investiment pubbliku u l-kwalità globali tal-finanzi pubbliċi). Barra minn hekk, konsiderazzjoni debita ser tingħata lil kwalunkwe fattur ieħor, li fl-opinjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat, huwa rilevanti sabiex jiġi valutat b'mod komprensiv f'termini kwalitattivi l-eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza. F'dak il-kuntest, ser tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-isforzi tal-*budget* biex jiżdiedu jew jinżammu f'livell għoli l-kontributi finanzjarji biex titrawwem solidarjetà internazzjonali u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika Ewropea, notevolment l-unifikazzjoni ta' l-Ewropa jekk din għandha effett ħażin fuq it-tkabbir u l-piż fiskali ta' Stat Membru.

Huwa ċar li l-ebda definizzjoni mill-ġdid tal-valur ta' referenza ta' Maastricht għad-defiċit permezz ta' l-esklużjoni ta' punti partikolari tal-*budget* m'għandha tkun segwita.

Jekk il-Kunsill ikun iddeċieda, abbażi ta' l-Artikolu 104(6), li jeżisti defiċit eċċessiv f'xi Stat Membru l-"fatturi rilevanti l-oħra" ser ukoll jiġu kkunsidrati fil-passi proċedurali sussegwenti ta' l-Artikolu 104. Madankollu, huma m'għandhomx jittieħdu fil-kont taħt l-Artikolu 104(12), jiġifieri fid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar jekk Stat Membru jkunx ikkoreġa d-defiċit eċċessiv tiegħu.

Dawn il-proposti għandhom jiġu introdotti fir-Regolament 1467/97.

### 3.4. Konsiderazzjoni tar-riformi sistemiċi tal-pensjonijiet

Il-Kunsill jaqbel li eċċess qrib lejn il-valur ta' referenza li jirrifletti l-implimentazzjoni ta' riformi tal-pensjonijiet li jintroduċu sistema b'diversi pilastri li tinkludi pilastru obbligatorju, kompletament iffinanzjat għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa. Għalkemm l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi twassal għal deterjorament fil-perijodu qasir tal-posizzjoni tal-*budget*, is-sostenibbiltà fil-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi titjieb b'mod ċar.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-valutazzjonijiet kollha tal-*budget* fil-qafas ta' l-EDP, ser jagħtu konsiderazzjoni debita lill-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi.

B'mod partikolari, fil-valutazzjoni taħt l-Artikolu 104(12) ta' jekk id-defiċit eċċessiv kienx ikkoreġut, il-Kummissjoni u l-Kunsill ser jivvalutaw l-iżviluppi fil-figuri tad-defiċit ta' l-EDP filwaqt li jikkunsidraw ukoll il-kost nett tar-riforma għall-pilastru amministrat pubblikament. Konsiderazzjoni lill-kost nett tar-riforma tingħata għall-ħames snin inizjali wara li Stat Membru jkun introduċa sistema obbligatorja ffinanzjata kollha kemm hi, jew ħames snin wara l-2004 għal Stati Membri li jkunu diġà introduċew tali sistema. Barra minn hekk, ser tkun ukoll rigressiva, jiġifieri matul perijodu ta' ħames snin ser tingħata konsiderazzjoni lil 100, imbagħad 80, 60, 40 u fl-aħħar 20 fil-mija tal-kost nett tar-riforma għall-pilastru amministrat pubblikament.

### 3.5. Żieda ta' l-attenzjoni fuq id-dejn u s-sostenibbiltà

F'konformità mad-disposizzjonijiet tat-Trattat, il-Kummissjoni trid teżamina l-konformità mad-dixxiplina tal-*budget* abbażi kemm tal-kriterju tad-dejn kif ukoll tad-defiċit. Il-Kunsill jaqbel li għandu jkun hemm attenzjoni akbar fuq id-dejn u s-sostenibbiltà, u jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jitnaqqas id-dejn tal-gvern għal taħt is-60 % tal-GDP b'pass sodisfaċenti, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet makroekonomiċi. Aktar ma jkunu għolja l-proporzjonijiet tad-dejn meta mqabbla mal-GDP ta' l-Istati Membri, akbar jeħtieġu li jkunu l-isforzi tagħhom biex inaqqsuhom malajr.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-qafas ta' sorveljanza fuq id-dejn għandu jiġi msaħħaħ bl-applikazzjoni tal-kunċett li "jitnaqqas b'mod suffiċjenti u jitqarreb lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti" għall-proporzjon tad-dejn f'termini kwalitattivi, billi jittieħed kont tal-kondizzjonijiet makroekonomiċi u d-dinamika tad-dejn, inkluż l-insegwiment ta' livelli xierqa ta' eċċessi primarji kif ukoll ta' miżuri oħra biex jitnaqqas id-dejn gross u strateġiji ta' maniġġar tad-dejn. Għal pajjiżi 'l fuq mill-valur ta' referenza, il-Kunsill ser ifassal rakkomandazzjonijiet dwar id-dinamika tad-dejn fl-opinjonijiet tiegħu dwar il-programmi ta' l-istabbiltà u l-konverġenza.

L-ebda bidla għar-Regolamenti eżistenti m'hija meħtieġa għal tali effett.

### 3.6. Estensjoni tat-termini perentorji għat-teħid ta' azzjoni u miżuri effettivi

Il-Kunsill jikkunsidra li t-terminu perentorju għall-adozzjoni ta' deċiżjoni taħt l-Artikolu 104(6) li tistabbilixxi l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandu jiġi estiż minn tlieta għal erba' xhur wara t-terminu perentorju tan-notifika fiskali. Barra minn hekk il-Kunsill jikkunsidra li ż-żmien għat-teħid ta' azzjoni effettiva wara rakkomandazzjoni biex jiġi korrett id-defiċit eċċessiv taħt l-Artikolu 104(7) jkun jista' jiġi estiż minn 4 għal 6 xhur, sabiex l-Istat Membru jkun jista' jikkwadra l-azzjoni aħjar fi ħdan il-proċedura nazzjonali tal-*budget* u biex jiġi żviluppat pakkett ta' miżuri aktar artikolat. Dan ikun jista' jiffaċilita l-adozzjoni ta' pakketti korrettivi ta' miżuri strutturali (minflok dawk ġeneralment temporanji). Barra minn hekk, b'termini perentorji itwal ikun possibbli li jittieħed kont ta' previżjoni aġġornata tal-Kummissjoni, sabiex miżuri meħuda u bidliet sinifikattivi fil-kondizzjonijiet ta' tkabbir li jkunu jistgħu jiġġustifikaw estensjoni tat-termini perentorji jkunu valutati flimkien. Għall-istess raġunijiet, it-terminu perentorju ta' xahar biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni li jimxi mill-Artikolu 104(8) għall-Artikolu 104(9) għandu jiġi estiż għal xahrejn, u t-terminu perentorju ta' xahrejn taħt l-Artikolu 104(9) għandu jiġi estiż għal 4 xhur.

Dawn il-proposti jkunu jeħtieġu bidliet fl-Artikoli rilevanti tar-Regolament 1467/97.

### 3.7. Terminu perentorju inizjali għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv

Il-Kunsill jikkunsidra li, bħala regola, it-terminu perentorju għall-korrezzjoni ta' deficit eċċessiv għandu jkun is-sena ta' wara l-identifikazzjoni tiegħu u għalhekk, normalment, it-tieni sena wara li jseħħ. Il-Kunsill jaqbel madankollu li l-elementi li għandhom jittieħdu fil-kont fl-iffissar tat-terminu perentorju inizjali għall-korrezzjoni ta' deficit eċċessiv għandu jkun speċifikat aħjar u għandu jinkludi, b'mod partikolari, valutazzjoni ġenerali tal-fatturi kollha msemmija fir-rapport taħt l-Art.

Bħala *benchmark*, pajjiżi f'deficit eċċessiv ser ikunu meħtieġa li jilħqu sforz fiskali minimu annwali ta' mill-inqas 0.5 fil-mija tal-GDP f'termini aġġustati ċiklikament, nett minn miżuri ta' darba, u t-terminu perentorju inizjali għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv għandu jiġi ffissat b'kont meħud ta' dan l-isforz fiskali minimu. Jekk dan l-isforz ikun jidher suffiċjenti biex jiġi korrett id-deficit eċċessiv fis-sena ta' wara l-identifikazzjoni tiegħu, it-terminu perentorju inizjali ma jkunx jeħtieġ jiġi ffissat 'l hinn minn dik is-sena.

Makankollu l-Kunsill jaqbel li f'każ ta' ċirkostanzi speċjali, it-terminu perentorju inizjali għall-korrezzjoni ta' deficit eċċessiv ikun jista' jiġi ffissat sena aktar tard, jiġifieri fit-tieni sena wara l-identifikazzjoni tiegħu u b'hekk normalment fit-tielet sena wara li jkun seħħ. Id-determinazzjoni ta' l-eżistenza ta' ċirkostanzi speċjali ser tieħu kont ta' valutazzjoni ġenerali bilanċjata tal-fatturi msemmija fir-rapport taħt l-Artikolu 104(3).

It-terminu perentorju inizjali ser jiġi ffissat mingħajr prġudizzju għat-teħid fil-kont ta' riformi sistemiċi tal-pensjonijiet u mingħajr preġudizzju għat-termini perentorji li japplikaw għall-Istati Membri ġodda u futuri.

### 3.8. Reviżjoni tat-termini perentorji għall-korrezzjoni tad-deficit

Il-Kunsill jaqbel li termini perentorji għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv ikunu jistgħu jiġu riveduti u estiżi jekk iseħħu avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'effetti ħżiena kbar fuq il-*budget* matul il-proċedura ta' deficit eċċessiv. Repetizzjoni ta' rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 104(7) jew notifika taħt l-Artikolu 104(9) tat-Trattat hija possibbli u għandha tintuża jekk tkun ittieħdet azzjoni effettiva mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mar-rakkomandazzjoni jew notifika inizjali. Dan għandu jiġi speċifikat fir-Regolament 1467/97.

L-Istati Membri jkunu meħtieġa jagħtu prova li ħadu azzjoni effettiva wara rakkomandazzjonijiet. Jekk tkun ittieħdet azzjoni effettiva b'risposta għal rakkomandazzjonijiet preċedenti u żviluppi ta' tkabbir imprevedibbli jiġġustifikaw reviżjoni tat-termini perentorji għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv, il-proċedura ma tgħaddix għall-pass li jmiss. Il-previżjoni tat-tkabbir li tinsab fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tkun ir-referenza li magħha jiġu valutati żviluppi ta' tkabbir imprevedibbli.